# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fid-19 ta' Mejju 2013 għall-ħabta tal-01:45 bħala "persuna li ghandek il-licenzja ta Taboo Bar ksirt il-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghek billi zammejt hanut tieghek miftuh wara 01:00 u b'hekk int operajt l=imsemmi hanut minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew Awtorita Kompetenti".

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-imputazzjoni f'dan il-każ hija bażata fuq allegat ksur tar-regolament numru 36 tal-A.L. 1 tal-2006 li jippreskrivi l-ħinijiet tax-xogħol għal postijiet kummerċjali.

Mill-affidavit ta' PS1257 Conrad Ellul jirriżulta li huwa kien qiegħed jagħmel ronda u meta wasal fi Triq Bormla, Paola, huwa osserva li kien hemm il-ħanut tax-xorb Taboo Bar li kien għadu miftuħ. Dan is-Surġent daħal u kellem lil "sid il-bar" ossija l-imputat.

Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha in kwantu skont ir-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), stabbilimenti tal-*catering* (u l-Qorti hija wkoll konvinta mill-liċenza ezibita u konfermata li l-fond ġestit mill-imputat huwa liċenzat bħala stabbiliment tal-*catering*) jista' jinżamm miftuħ f'kull ġurnata sas-01:00. Dan ir-regolament għalhekk ma ġiex osservat mill-imputat stante li ġie soddisfaċentement ippruvat li kien għadu miftuħ wara s-01:00.

# *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kontestata lilu u wara li rat ir-regolamenti 13, 36 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), u 53 ikoll tal-A.L. 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal ammenda ta' mitejn u ħamsin euro (€250) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-liċenza mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' sebat ijiem.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***